**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M.Jur**

**Rikors numru 12/2016**

**Green MT Limited (C42136)**

**vs**

**Victor Mizzi (I.D. 631057M)**

**Illum, 24 ta' Mejju 2017**

Il-Qorti;

Rat r-rikors tas-socjetà rikorrenti permezz ta' liema s-socjetà rikorrenti talbet l-intimat:

> Ihallas lis-socjetà attrici s-somma komplessiva ta' **ghaxart elef u erba' mitt Ewro (€10,400**) rapprezentanti rizarciment ta' hlas maghmul lilek mill-attrici indebitament, ghal prezz ta' servizzi ta' gbir u garr ta' skart reciklabbli mill-Mellieha lejn l-Eco-Centre (Wasteserve) bil-vettura **CBS587,** fuq inkarigu tal-attrici, li in mala fede u fattwalment ma wettaqtx u nonostante xorta thallast taghhom.

Bl-ispejjez inkluz dawk tal mandat ta' Sekwestru Nru-----/16 u bl-imghaxijiet kummercjali sad-data tal pagament effettiv

Inti ngunt ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta tal-intimat li tghid hekk:

1. Illi t-talbiet odjerni gja gew decizi fil-kawza numru 222/2015/CSH ghax it-talbiet huma identici ghat-Talbiet Odjerni u ghalhekk huwa res judicata u dan fis-16 ta' Dicembru 2015;

2. Illi minghajr pregudizzju t-talbiet huma infondati kemm bhala fatt kif ukoll bhala dritt u dan kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal kawza;

3. Illi l-esponenti dejjem wettaq is-servizz ta' gbir u garr ta' skart reciklabbli mill-Mellieha lejn l-Eco-Centre (Wasteserve) skont il-ftehim milhuq.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet il-provi;

Semghet trattazzjoni tal-partijiet.

Rat u qieset id-dokumenti kollha prodotti.

Rat illi il-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza preliminari.

Ikkunsidrat:

Illi f'din il-kawza s-socjetà rikorrenti qeghda titlob rizarciment ta' hlas maghmul indebitament, liema hlas kien sar minhabba li s-socjetà rikorrenti kienet iffirmat kambjala a favur tal-intimat.

Illi l-intimat eccepixxi preliminarjament: "Illi t-talbiet odjerni gja gew decizi fil-kawza numru 222/2015/CSH ghax it-talbiet huma identici ghat-talbiet odjerni u ghalhekk huwa res judicata u dan fis-16 ta' Dicembru 2015".

Illi din hija sentenza preliminari rigward din l-eccezzjoni.

Illi l-intimat prezenta nota b'kopja tas-sentenza fuq riferita, a folio 12 et sequitur tal-process, in sostenn tal-eccezzjoni mressqa minnu.

Illi kif inhu ben saput u ben stabbilit kemm fil-ligi kif ukoll mill-gurisprudenza tal-Qrati taghna, meta wiehed jiffirma kambjala huwa tenut ihallsha la darba timmatura u dan irrispettivament minn ragunijiet u cirkostanzi li jistghu jinqalghu wara tali ffirmar, ghal liema dak l-ammont fil-kambjala ma jkunx dovut

Illi f'tali kaz wiehed huwa tenut li jonora xorta wahda l-imsemmija kambjala u jhallasha bid-dritt illi wara jibda proceduri fil-Qorti sabiex jigbor lura tali hlas. Dan ukoll ghaliex hija biss il-forma tal-kambjala li tista' tigi attakkata u konsegwenza ta' liema rregolarità wiehed jista' jinhall mill-obbligu tieghu li jonora tali kambjala.

Illi din il-materja diga giet mistharrga diversi drabi mill-Qrati taghna. Hekk fil-kawza **Bank of Valletta p.l.c. vs Carmel Ray Micallef, Prim Awla, deciza fit-18 ta' Frar, 2004**, il-Qorti sostniet:

> *"Il-konvenut, li gie imharrek fil-vesti personali tieghu, qed jikkontesta l-kawza billi jecepixxi ..., li l-istess kambjali m'ghandhomx jigu onorati ghax l-obbligazzjoni li hija l-bazi tal-kambjali ma gietx imwettqa mis-socjetà Rainbow Mix skond l-arti u s-sengha.*
>
> *Ghar-rigward ta' din l-ahhar sottomissjoni, li hija l-mertu tat-tielet u r-raba' eccezzjoni tal-konvenut, din il-Qorti tinnota li din tolqot il-mertu tal-"underlying obligation" li tat lok ghall-hrug tal-kambjali, izda peress li din l-azzjoni hija azzjoni kambjarja, bazata fuq kambjali girati favur il-Bank attur, mhux lecitu li l-possessur tal-kambjali jigi rinfaccjat b'eccezzjonijiet li jolqtu transazzjoni li fihom hu ma kienx parti. Meta tigi girata, it-terz possessur ghandu dritt jagixxi fuq dak li jidher "on the face" tal-kambjala; kambjala girata takkwista ezistenza awtonoma u titqies bhala obbligazzjoni fiha nfisha indipendenti mill-obbligazzjoni li wasslet ghall-hrug taghha. Is-sitwazzjoni kienet tkun differenti kieku l-kambjala ma kienetx giet girata, izda baqghet fil-patrocinju tal-kreditur tal-obbligazzjoni, ghax f'dik is-sitwazzjoni l-kambjala ma jkollhiex ezistenza awtonoma, imma titqies biss bhala prova tal-"underlying obligation" li tista' tkun mistharrga mill-Qorti f'azzjoni tal-kontraent / kreditur li jagixxi a bazi tal-kambjali.[1]"*

[1] Enfasi tal-Qorti.

Dan il-punt gie diskuss minn din il-Qorti fil-kawza **"Giordmaina vs Pace", deciza fis-16 ta' Jannar, 2003**. F'dik il-kawza, din il-Qorti kienet ghamlet is-segwenti osservazzjoni:

*"Din il-Qorti trid tirrimarka ukoll li meta kambjala tibqa' fil-patrimonju tal-kredituri tal-obbligazzjoni (cioè ma tigix girata), ma takkwistax natura awtonoma indipendenti mill-obbligazzjoni li tat lok ghall-istess kambjala. Fil-fehma ta' din il-Qorti, hu biss meta l-kambjala tkun girata li din takkwista valur "on the face of it", u allura ikun dipendenti fuq dak li johrog u jidher mill-kambjala stess. Kambjala, kif inhu maghruf, ma tohloqx novazzjoni, u meta tibqa f'idejn il-parti kontraenti ma tistax tigi distakkata mill-obbligazzjoni originali.*[2]

*L-iskop ta' kambjala hija li tista' tigi girata malajr u meta tigi girata takkwista karattru awtonomu. Minghajr kambjala, kreditur jista jaghmel kuntratt ta' cessjoni ta' dritt taht il-ligi civili, però, fil-konfront tat-terz akkwirent, id-debitur xorta jkun jista jissolleva eccezzjonijiet li jolqtu n-negozju. Ghalhekk, ghall-kreditur, dan id-dritt ta' cessjoni ma tantx hu effettiv ghax ma tantx issib nies lesti jiehdu kreditu ta' haddiehor, u fl-istess hin jibqghu esposti ghall-kwistjonijiet inerenti ghall-obbligazzjoni li ghalih ma kienux parti. Ghalhekk inholqot il-kambjala. Peress li minn jixtri kambjala, qed jixtri titolu ta' kreditu awtonomu, jaf li kwistjonijiet naxxenti mill-obbligazzjoni li waslet ghal dak il-kreditu, jibqghu estranei ghalih, ghax hu, bhala terz akkwirent, jista' jfittex biss fuq il-kambjala. Bejn il-partijiet, però, il-kambjala m'ghandhiex ikollha din in-natura ghax il-kambjala tkun biss prova tad-dejn li inholoq bejn l-istess partijiet, u allura l-obbligazzjonijiet reciproci tal-istess partijiet*

[2] Enfasi tal-Qorti.

*huma rilevanti ghal kull kawza li ssir ghall-hlas. Fi kliem iehor, azzjoni fuq kambjala bejn il-partijiet li hargu l-istess, ma tistax timxi wahedha minghajr riferenza ghall-ftehim li wassal ghall-hrug taghha (ara "Scicluna vs Vella", Qorti tal-Kummerc, 18 ta' Marzu, 1965). Kif inghad, il-Qorti ma tistax tordna lil B ihallas lil A fuq kambjala, meta A ma jkunx wettaq l-obbligi tieghu li waslu ghall-hrug ta' dik il-kambjala! (ara ukoll l-artikolu 152 (2) tal-Kodici tal-Kummerc). Il-legislatur Malti ma ghamilx il-kambjala titolu esekuttiv, specifikament biex il-kambjala, diment li tkun ghada fil-pussess tal-persuna favur min inharget, ma tigix uzata bhala magna ta' estorzzjoni, izda minn jitlob hlas fuqha ikun irid jiggustifika t-talba tieghu, ghax altrimenti tista tkun obbligazzjoni bla kawza (jekk ma jkunx wettaq id-doveri tieghu) li ma tistax tigi enforzata. Kambjala ma tohloq qatt novazzjoni tal-obbligazzjoni precedenti (ara "Portelli vs Schembri", Qorti tal-Kummerc, 1935, Vol. XXIX. III. 80), u f'kazi simili l-kambjala hija intiza biss biex tiffacilità l-pagament, u mhux ghal skop iehor – pro solvendo u mhux pro soluto.*[3]"

F'dan il-kaz, il-kambjali gew girati mill-kreditur favur il-Bank attur, li, kwindi, ghandu dritt jagixxi a bazi ta' dak li jidher manifest fuq il-kambjali, minghajr ma l-azzjoni tieghu tkun opposta b'eccezzjonijiet li jkunu personali ghall-giranti.

Dan jidher car ukoll mill-gurisprudenza tal-Qorti Taljana, fejn il-principju stabbilit huwa:

*"Il carattere formale del titolo cambiario e` destinato ad operare solo rispetto ai terzi possessori del titolo stesso e non tra le parti nei*

[3] Enfasi tal-Qorti.

*cui confronto sorse originariamente il rapporto cambiario e rispetto alle quali l'efficacia cambiaria non puo` avere valore assoluto, giacche` non puo` dissociarsi dagli accordi sostanziali che hanno determinato l'assunzione di una promessa cambiaria". - Cassazione, 12 lulgio, 1962.*

Illi kif jirrizulta car u ampjament mis-sentenza esebita, f'din il-kawza li ghandha quddiemha l-Qorti illum, f'dik is-sentenza l-Qorti ordnat lis-socjetà Green MT sabiex thallas il-kambjala u ma dahlitx fir-ragunijiet li tat l-istess socjetà rigward jekk hux dovut jew le l-imsemmi hlas, u cioè l-"underlying obligation" jew l-obbligazzjoni bejn il-partijiet li tat lok ghall-imsemmija kambjala.

Illi s-socjetà rikorrenti wara dik is-sentenza, hallset l-imsemmija kambjala u wara stitwiet il-proceduri odjerni u dan ezattament kif jitlob l-istitut tal-kambjala, f'liema proceduri qeghda titlob li din il-Qorti tinvestiga l-obbligazzjoni bejn il-partijiet u cioè l-allegazzjoni taghha li l-pagament maghmul a bazi tal-istess kambjala fil-fatt ma kienx dovut.

Illi, ghal dawn ir-ragunijiet, l-intimat ma jistax jirnexxi f'din l-eccezzjoni preliminari tieghu.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qeghda tichad din l-eccezzjoni preliminari tal-intimat bl-ispejjez kontra tieghu.

***(ft) Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M. Jur.***

(ft) Angelo Buttigieg
Deputat Registratur